Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B **REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/896**

tat-8 ta' Ġunju 2016

dwar l-awtorizzazzjoni tat-tartrati tal-ħadid u tas-sodju bħala addittiv fl-għalf għall-ispeċijiet kollha tal-annimali

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 152, 9.6.2016, p. 3)

Ikkoreġut minn:

►C1 Emendi, Ġ.U. L 137, 22.4.2021, p. 20 (2016/896)

▼B

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/896

tat-8 ta' Ġunju 2016

dwar l-awtorizzazzjoni tat-tartrati tal-ħadid u tas-sodju bħala addittiv fl-għalf għall-ispeċijiet kollha tal-annimali

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

Artikolu 1

Il-preparat speċifikat fl-Anness, li jidħol fil-kategorija ta' addittivi "addittivi teknoloġiċi" u fil-grupp funzjonali "aġenti antiagglomeranti", huwa awtorizzat bħala addittiv fl-għalf tal-annimali, soġġett għall-kundizzjonijiet stipulati f'dak l-Anness.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

ANNESS

Numru tal-identifikazzjoni tal-additttiv	Additttiv	Il-kompożizzjoni, il-formola kimika, deskrizzjoni, metodi ta' analiżi	Speċi jew kategorija tal-annimal	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra	Tmiem il-perjodu ta' awtorizzazzjoni
					mg tas-sustanza attiva għal kull kg ta' NaCl			
Additivi teknoloġiċi: Aġenti antiagglomeranti								
1i534	Tartrati tal-ħadid u tas-sodju	*Kompożizzjoni tal-additttiv* Preparat tal-prodotti tal-kumplessazzjoni tat-tartrati tas-sodju mal-klorur tal-ħadid(III) (FeCl3) f'soluzzjoni tal-ilma ≤ 35 % (skont il-piż) *Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva* Prodott ta' kumplessazzjoni tal-ħadid (III) ta' D (+)-, L(-)- u meso-2,3 aċidi diidrossibutandiojċi Proporzjon: ħadid għall-meso-tartrat 1:1; Proporzjon: ħadid għat-total tal-isomeri tat-tartrat 1:1,5 ►**C1** Numru CAS 1280193-05-6 ◄ $Fe(OH)_2C_4H_4O_6Na$ Klorur: ≤ 25 % Ossalati: ≤ 1,5 % expressi bħala aċidu ossaliku Ħadid: ≥ 8 % Iron(III) *Metodu analitiku* ([1]) Il-kwantifikazzjoni tal-meso-tartrat u tartrati D(-) u L(+) fl-additttiv tal-għalf: — Kromatografija likwida bi prestazzjoni għolja b'detezzjoni tal-Indiċi Rifrattiv (HPLC-RI); Il-kwantifikazzjoni tat-total ta' ħadid fl-additttiv tal-għalf: — Spettrometrija tal-Emissjoni Atomika bi Plażma Akkoppjata Induttivament (ICP-AES) — EN 15510; jew	L-ispeċijiet kollha tal-annimali	—	—	—	1. L-additttiv għandu jintuża biss fil-klorur tas-sodju (NaCl) 2. Id-doża minima rakkomandata: 26 mg ta' tartrati tal-ħadid u tas-sodju/kg NaCl (ekwivalenti għal 3 mg ħadid/kg ta' NaCl) 3. Id-doża massima rakkomandata: 106 mg tartrati tal-ħadid u tas sodju/kg NaCl	id-29 ta' Ġunju 2026

▼B

Numru tal-identifikazzjoni tal-addittiv	Addittiv	Il-kompożizzjoni, il-formola kimika, deskrizzjoni, metodi ta' analiżi	Speċi jew kategorija tal-annimal	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra	Tmiem il-perjodu ta' awtorizzazzjoni
					mg tas-sustanza attiva għal kull kg ta' NaCl			
		— Spettrometrija tal-Emissjoni Atomika bi Plażma Akkoppjata Induttivament wara d-diġestjoni tal-pressjoni (ICP-AES) — EN 15621; jew — Spettrometrija tal-Emissjoni Atomika bi Plażma Akkoppjata Induttivament (ICP-AES) — EN ISO 11885; jew — Spettrometrija tal-Assorbiment Atomiku (AAS) — EN ISO 6869; jew — Spettrometrija tal-Assorbiment Atomiku (AAS) — Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 152/2009 ([2]); u Il-kwantifikazzjoni tat-total tas-sodju fl-addittiv tal-għalf: — Spettrometrija tal-Emissjoni Atomika bi Plażma Akkoppjata Induttivament (ICP-AES) — EN 15510; jew — Spettrometrija tal-Emissjoni Atomika bi Plażma Akkoppjata Induttivament wara d-diġestjoni tal-pressjoni (ICP-AES) — EN 15621; jew — Spettrometrija tal-Emissjoni Atomika bi Plażma Akkoppjata Induttivament (ICP-AES) — EN ISO 11885; jew — Spettrometrija tal-Assorbiment Atomiku (AAS) — EN ISO 6869; u Il-kwantifikazzjoni tal-klorur tal-ammonju fl-addittiv tal-għalf: — Titrimetrija — ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 152/2009 jew ISO 6495.						

([1]) Id-dettalji dwar il-metodi analitiċi jinsabu fl-indirizz tal-Laboratorju ta' Referenza li ġej: https://ec.europa.eu/jrc/en/eurl/feed-additives/evaluation-reports
([2]) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 152/2009 tas-27 ta' Jannar 2009 li jistabbilixxi l-metodi ta' teħid ta' kampjuni u analiżi għall-kontroll uffiċjali tal-għalf (ĠU L 54, 26.2.2009, p. 1).